# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis tmintax (18) ta' Ottubru 2018**

**Rikors Numru 195/18 FDP**

**Gold Lion Real Estate Co Limited**
**(C 74728)**

**vs**

**Kenneth Zammit**
**(ID 277481M)**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-14 ta' Awissu 2018 fejn s-socjeta' attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasaha s-somma ta' sebat elef, mitejn u sittin Euro (€7,260) rappresentanti "penali a bazi tal-kuntratt li inti kellek mas-socjeta attrici sabiex tippresta s-servizzi tieghek bhala agent immobiljari, ilum itterminat, liema penali hija dovuta minhabba li inti nqast li tosserva diversi obbligi minnek hemm assunti, fosthom li bqajt tissolecita lill-klijenti tas-socjeta attrici wara t-terminazzjoni, u li bqajt tahdem bhala agent immobiljari wara t-terminazzjoni kif ukoll li thallas s-somma ta' elfejn euro (€2,000) mislufa lilek fix-xhur ta' April u Mejju 2018 oltre s-somma ta' mitejn u tlieta u tletin euro (€233) rappresentanti kontijiet tac-cellulari tieghek, liema sommom inti bqajt ma hallastx minghajr ebda raguni valida minkejja diversi interpellanzi."

Rat illi fit-talba is-socjeta rikorrenti talbet ukoll bl-interessi legali mid-data tal-Ittra Ufficjali datata 20 ta' Lulju 2018 u bl-ispejjez legali komprizi dawk tal-istess ittra ufficjali, tal-ittri bonarji datati 21 ta' Gunju 2018 u l-10 ta' Lulju 2018.

Rat illi s-socjeta rikorrenti ingungiet lir-rikrorent in subizzjoni fl-avviz.

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal kawza u l-Avviz propjru gew notifikati lill-intimat fis-27 ta' awissu 2018 (fol 7).

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2018, deher rappresentant tas-socjeta rikorrenti. L-intimat, imsejjah diversi drabi, ma dehrx u ma ppresenta ebda eccezzjonijet.

Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Ottubru 2018, is-socjeta rikorrenti ippresentat kapitolu fil-konfront tal-konvenut (fol 9).

Rat illi fis-seduta ta' llum, il-konvenut imsejjah diversi drabi ma deherx biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta rikorrenti jghid li t-talba attrici ghadha dovuta issib li t-talba tas-socjeta attrici kif mitluba tirrizulta gustifikata w timmerita tigi kkonfermata.

Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti w tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta rikorrenti is-somma totali ta' **disat elef, erbgha mija u tlieta u disghin Euro (€9,493)**, rappresentanti s-somma ta' sebat elef, mitejn u sittin Euro (€7,260) bhala penali a bazi tal-kuntratt li l-intimat kellu mas-socjeta attrici sabiex jippresta s-servizzi tieghu bhala agent immobiljari, illum itterminat, liema penali hija dovuta minhabba li l-intimat naqas li josserva diversi obbligi minnu hemm assunti, fosthom li baqa jissolecita lill-klijenti tas-socjeta attrici wara t-terminazzjoni, u li baqa jahdem bhala agent immobiljari wara t-terminazzjoni kif ukoll is-somma ta' elfejn euro (€2,000) mislufa lill-intimat fix-xhur ta' April u Mejju 2018 w is-somma ta' mitejn u tlieta u tletin euro (€233) rappresentanti kontijiet tac-cellulari tal-intimat, u dan kollu kif indikat fir-rikors promotur.

Spejjez u Imghax legali kontra l-intimat kif mitluba fil-avviz promotur.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Magistrat**

**Rita Sciberras**
**Deputat Registratur**